# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 520/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Ronald Parnis**

Seduta tas-26 ta' April, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ronald Parnis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 27789(G) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghall-habta tal-4.30 ta' filghaxija, waqt li kien qed isur vettura talghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 831, fi triq Mgarr, Xewkija, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragn jew b'nuqqas ta' hila jew profesjoni tighu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura bil-mutur tal-ghamla Triumph ta' kulur maroon, bin-numru ta' registrazzjoni MJP 9—u nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Portelli skond kif iccertifika Dr. J. Vella M.D. mill-isptar Generali ta'

Ghawdex;

2. Saq vettura b'numru ta' registrazzjoni JAZ 831 tal-ghamla Isuzu, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

Il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija l-imputat ikun skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembr, 2017 li biha sabett lill-imputat Ronald Parnis hati tal-ewwel imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda, u wara li ddikjarat li ma kienitx tal-fehma illi ghandu jkun hemm xi sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €1500 pagabbli fi zmien xahar u fit-termini tal-artikolu 533 ordnatlu ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra tal-esperti nominati fl-inkjesta magisterjali u dan fi zmien tlett xhur wara l-hlas tal-multa;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ronald Parnis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi tlett aggravji u jibda billi jinvoka l-apprezzament hazin tal-provi mill-ewwel Qorti. Isegwi imbaghad aggravju dwar l-ilment tieghu li ma setghax legittimament u ragjonevolment jinsab hati filwaqt illi fit-tielet gravam u b'mod sussidjaraju jghid li kellu jkun liberat minhabba diskrepanza lampanti bejn il-hin u l-parti tal-jum kif imnizzel fl-imputazzjoni u dawk mnizzla fir-rapport tal-pulizija;

2. L-ahhar aggravju ser ikun konsidrat *in primis* ghaliex jekk ikun milqugh ma jkunx mehtieg konsiderazzjoni dwar l-ewwel u t-tieni gravami. F'dan l-aggravju, l-appellant jghid illi kellu jkun *liberat mill-akkuzi* [recte: imputazzjonijiet] *dedotti kontra tieghu minhabba s-semplici raguni illi hemm diskrepanza lampanti bejn il-hin u parti tal-gurnata hekk kif imnizzel fl-akkuza* [recte: imputazzjoni] *, bejn il-hin u l-parti tal-gurnata hekk kif imnizel fic-citazzjoni, s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli* [recte; Qorti], *u dak illi gie rilevat mill-PIRS report.*

3. L-appellant iressaq l-argument illi skond l-ewwel pagna tal-atti, l-allegat reat sehh fil-31 t' Awissu 2013 ghall-habta tal-4.30 ta' filghaxija izda mid-depospizzjoni tax-xhud Lee Philips waqt l-inkjjesta tirrizulta s-segwenti mistoqsija tal-Ispettur Prosekutur: "*Tista tghidilna x'gara aktar kmien* ***llum, wara nofsinhar?*** " Waqt li l-PIRS report li sar dakinhar stess tal-incident juri li l-'*Incident Time' bhala 16:30*'. Skond l-appellant PS 664 Jason Xerri u l-Ispettur Bernard Charles Spiteri xehedu illi l-incident sehh "*ghall-habta tal-erba u nofs* ***ta' filghaxija***". Inoltre l-imputazzjoni tindika id-data tal-incident bhala il-31 t'Awissu 2013 ghall-habta tal-4:30 ta' filghaxija;

4. L-appellant ghamel referenza ghall-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali dwar ir-rekwiziti li jsawru citazzjoni valida u jaghmel referenza ukoll ghal sentenzi ta' din il-Qorti li jirrigwardaw

vertenza dwar il-hin li fih kien allegatament kommess. L-argument tal-appellant hu li l-prosekuzzjoni kienet zbaljata meta rreferiet ghall-hin tal-incidnet bhala *filghaxija* meta suppost irreferiet ghalih bhala *wara nofsinhar* ghaliex 16:30 huwa wara nofsinhar u mhux filghaxija aktar u aktar meta dan sehh f'Awissu *cjoe' nkunu bil-hin tas-sajf, u l-bon sens jghidlek li zgur mhux forsi imma ma tistax tikkunsidra 16:30 bhala filghaxija!"*.

5. Din il-Qorti tistqarr li tinsab xi ftit perlessa b'dan l-argument sal-punt li jkollha tirrimarika li anqas ma jinghad dwaru jkun ahjar. Dan huwa aggravju frivolu ghall-ahhar. Il-hin tal-incident kien deskritt bhala 16:30 li fuq l-arlogg *analogue* iffisser l-erba' u nofs ta' wara ta' dik il-parti tal-jum li ma tkunx filghodu. Issa jekk dak huwx meqjus wara nofsinhar jew filghaxija hija kwistjoni irrizorja ghalliex fil-jum hemm zewg hinijiet **biss** li huma l-erba' u nofs, dak ta' filghodu u dak tal-wara nofsihnar jew filghaxija. Ic-citazzjoni u l-fatti emergenti matul il-kawza kienu indikattivi bizzejjed sabiex l-appellant allura imputat kien jaf dwar di che si tratta l-imputazzjoni sabiex ikun jista' jaghmel difiza tant li mkien fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma qajjem din il-kwistjoni. Dan l-aggravvjju ghalhekk qed ikun michud;

6. L-ewwel u t-tieni aggravju jistghu jkunu konsiderati flimkien la darba huma effettivament kritika dwar is-sejbien ta' htija bazata fuq apprezzament zbaljat tal-provi u enuncazzjoni hazina tal-ligi li takkludi principji dwar sewqan emergenti minn awturi u gurisprudenza tal-Qrati taghna;

7. Issa, minn ezami tal-provi, jemergi illi l-appellant kien qed isuq van pick-up fi Triq l-Imgarr, limiti tax-Xwekija, Ghawdex sejjer fid-direzzjoni tax-Xatt tal-Imgarr. Appena wasal fejn il-*ground* tal-*football* , u bil-hsieb li jikser ghal-gewwa l-*parking area* li jinsab fuq ix-xellug tal-kareggjata opposta, allura fuq il-lemin tieghu, lewa fuq il-lemin izda f'dak il-mument mutur li kien gej fl-istess direzzjoni, dahal fuq il-bieba tal-lemin tal-vettura tal-

appellant u minn hemm baqa' sejjer bil-mutur b'kollox gewwa hajt bil-mutur jispicca fuqu. Is-sewwieq tal-mutur ma jista' jiftakar xejn dwar l-incident ghajr il-mumenti antecedenti li, izda, ma kienu ta' ebda ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kwisjtoni devoluta quddiem l-ewwel Qorti;

8. Minn ezami approfondit tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandha xejn x'ticcensura fl-analizi tal-provi u fis-sentenza tal-ewwel Qorti li, b'mod akkurat u minuzzjuz, gharblet il-provi kollha migjuba quddiemha u applikat l-insenjament guridiku ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Tazzarda zzid din il-Qorti, izda, li quddiem l-ewwel Qorti kien hemm sia provi diretti kif ukoll dawk indizzjarji. Dawn tal-ahhar certament ma jistghux ikunu skartati kif donnu qed jistenna l-appellant ghaliex wisq drabi dawn huma ta' ghajnuna kbira ghad-determinazzjoni tal-kaz hafna aktar minn dawk diretti;

9. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-appellant kien fil-pjena liberta' li jdur fuq il-lemin tieghu ghaliex it-triq hija maqsuma b'linji mhux kontinwi. Sabiex jaghmel dan, izda, kellu jezercita attenzjoni massima u dwar dan ikun inutili li din il-Qorti ticcita awturi u sentenzi aktar minn dak indikat mill-ewwel Qorti. Issa, ix-xhud ewlieni ta' dan l-incident kien certu Lee Phillips li ukoll kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-vann u bejnu u bejn il-vann kien hemm madwar erba jew hames vetturi lkoll ghaddejjin b/madwar 30 u 40 kiometru fis-siegha. F'daqqa wahda jara vann idur fuq il-lemin lejn il-parking li hu jiddeskrivi bhala *layby* u jara ukoll mutur jahbat mal-genb tal-vann li tilef il-kontroll u li baqa' diehel fil-hajt. L-ewwel darba li ra lil mutur kien meta sehh l-incident, u minn hawn jemergu diversi provi cirkostanzjali li ser ikunu deskritti *seriatim;*

10. Ix-xhud Lee Phillips qatt ma ra lill-mutur qabel. Dan ifisser li dan ma kienx qed jaghmel manuvra ta' sorpass, kif wara kollox kellu dritt jaghmel. Il-mutur huwa wiehed ta' cilindrata kbira u

minkejja dan, Phillps kien katergoriku meta jghid li ma rax qabel l-incident, li jfisser biss illi ma ghamel l-ebda manuvra ta' sorpass wisq anqas bi speed ghaliex dan kellu bilfors jghaddi minn fuq il-lemin tieghu. Il-hsara fil-vann tinsab fuq iz-zewg bibien tal-lemin u huwa evidenti illi din ma kienitx wahda frontali dritt gewwa l-bibien izda mkaxkra mill-bieba ta' wara ghal dik ta' quddiem. Is-sewwieq tal-mutur baqa' riekeb fuqu sakemm spicca fil-hajt. Dan hu indikattiv li ma kienx gej bi speed minn xi distanza li ma setghax iwaqqaf il-mutur mal-manuvra tal-appellant tant illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, huwa ma spiccax jittajjar minn fuq il-mutur. Mutur gej b'velocita' tali li ma jistghax jieqaf, jispicca b'impatt frontali mal-bieba, ihalli hsarat ovvji u mhux dawk li spicca bihom dan il-vann;

11. Dawn l-indizzji lkoll jippuntaw fid-direzzjoni illi l-mutur kien qieghed qrib il-vann fuq wara u ma kienx gej b'xi manuvra ta' sorpass bi speed irragjonevoli tant illi appena l-vann dar fuq il-lemin tieghu holoq perikolu istantaneju lis-sewwieq tal-mutur li spicca lewa fl-istess direzzjoni izda tkaxkar mal-biebien tal-vann u tilef il-kontroll;

12. Kif korrettament ikkonkludiet l-ewwel Qorti, dan l-incident sehh unikament tort tal-appellant meta naqas illi jezercita dik il-kawzjoni mehtieg li tassumi grad aktar gholi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. F'manuvra daqstant perikoluza, is-sewwieq tal-vann kellu d-dover li jwaqqaf il-vettura tieghu u josserva sew ic-cirkostanzi kollha tat-triq qabel ma jipprocedi biex jaqsam l-kareggjata opposta. Huwa evidenti illi appena l-appellant ra li ma kien gej hadd mill-kareggjata opposta xeghel l-indicator u lewa fuq il-lemin tieghu. L-ezekuzzjoni ta' din il-manuvra kienet wahda zbaljata ghaliex hu kellu l-ewwel josserva t-triq u wara li jara li dik il-manuvra setghet issehh bla periklu u xkiel kellu jindika l-intenzjoni tieghu u jghaddi ghall-esekuzzjoni taghha;

13. Huwa zbaljat kif jahsbu xi sewwieqa illi l-indicator jaghtik xi

dritt incensurabbli. Sfortunatament din hija il-fehma ta' xi uhud bhalma hija l-fehma li l-*hazard lights* jaghtu lis-sewwieq xi dritt li jabbanduna l-vettura temporanjament b'mod mill-aktar skorrett u dizorganizzat sabiex jaghmel xi qadja minghajr l-icken hsieb ghad-dizordni fil-mixja tat-traffiku li jkun halla warajh. U dan huwa kaz sintomatiku ta' persuna li ghaliex xeghelet l-*indicator* (skond l-appellant), allura tista' tipprocedi u thalli lill-haddiehor jiffaccja l-perikli tal-manuvra tieghu;

14. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha.

15. Ghal dawn il-motivi l-ewwel u t-tieni aggravji qed ikunu michuda u konsegwentement l-appell qed ikun michud. It-termini mposti mill-ewwel Qorti jibdew jiddekorru mil-lum.

**IMHALLEF** **D/REGISTRATUR**